MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 137/2002/1

**Peter Busuttil**

**vs**

**Public Broadcasting Services Ltd**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata minn Peter Busuttil li permezz taghha, wara li ppremetta illi:

L-attur kien dahal fi ftehim verbali mis-socjeta' konvenuta sabiex jipproduci tmien (8) programmi tat-televizjoni bit-titlu 'Jazz Box' li lkoll kellhom jigu trasmessi fuq l-istazzjon nazzjonali tat-televizjoni;

Dawn it-tmien (8) programmi gew prodotti mill-attur, kif gie inkarigat jaghmel, u accettati mis-socjeta' konvenuta, u kollha intwerew mis-socjeta' konvenuta fuq l-istazzjon

nazzjonali tat-televizjoni (*Television Malta*) b'repetizzjoni fuq il-'Channel 12';

Ghalhekk l-attur huwa kreditur tas-socjeta' konvenuta fl-ammont ta' sitt elef erba' mija u erbghin Liri Maltin (Lm6440) inkluz it-taxxa fuq il-valur mizjud, skond il-fattura hawn annessa u mmarkata bhala Dokument A, liema somma hija dovuta ghall-produzzjoni kif fuq inghad mill-attur tat-tmien (8) programmi fis-sensiela 'Jazz Box';

Ghalkemm debitament interpellati sabiex ihallsu, anke permezz ta' ittra ufficjali datata t-28 ta' Settembru 2001, debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta fl-1 ta' Ottubru 2001, is-socjeta' konvenuta xorta wahda baqghet inadempjenti.

Talbet is-socjeta' konvenuta tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attur huwa kreditur tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' sitt elef erba' mija u erbghin Liri Maltin (Lm6440) inkluz it-taxxa fuq il-valur mizjud, oltre l-imghax kummercjali fuq dina s-somma sad-data tal-pagament effettiv, liema somma hija dovuta ghall-produzzjoni kif fuq inghad tat-tmien (8) programmi fis-sensiela 'Jazz Box' fuq inkarigu u a beneficcju tas-socjeta' konvenuta;

Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' sitt elef erba' mija u erbghin Liri Maltin (Lm6440) inkluz it-taxxa fuq il-valur mizjud, oltre l-imghax kummercjali fuq dina s-somma sad-data tal-pagament effettiv, liema somma hija dovuta ghall-produzzjoni kif fuq inghad tat-tmien (8) programmi fis-sensiela 'Jazz Box' fuq inkarigu u a beneficcju tas-socjeta' konvenuta;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid prezentati kontestwalment ma' din ic-citazzjoni u tal-ittra ufficjali datata t-28 ta' Settembru 2001, u bl-imghax kummercjali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess Peter Busuttil.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, li laqghet ghall-kawza billi ddikjarat illi:

It-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, u dan peress illi huwa kien irrinunzja espressament ghal "kwalunkwe hlasijiet, inkluzi spejjez, li jistghu ikunu ghadhom lilu dovuti ... ghall-programm JAZZBOX prodott fl-1998/1999", kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni annessa datata 29/7/99 (Dok. X). Izda jidher li nesa dan il-fatt.

Stante li l-attur iddikjara ukoll illi "ma ghandu ebda pretensjoni ohra kontra Public Broadcasting Services Limited, u li l-cameras li kien kera minghand MPS (Ltd) kien ser ihallashom hu", is-socjeta' konvenuta ma tistax tifhem x'geghelu jistitwixxi l-kawza odjerna u, minbarra li jinkorri hafna spejjez inutili, jikseb il-hrug ta' diversi mandati kawtelatorji li tant ikkawzaw danni lis-socjeta' eccipjenti, ghal liema danni huwa qed jinzamm responsabbli.

Jekk l-attur, ghal xi raguni li jafha hu biss, irid jiddisdici d-dikjarazzjoni minnu ffirmata fid-29/7/99, huwa ghandu jipprezenta kawza 'ad hoc'. Sadanittant, id-dikjarazzjoni Dok. X ghandha tibqa' tghodd bhala dikjarazzjoni valida.

Rat id-dikjarazzjoni annessa.

Rat id-dokumenti esebti mal-istess.

Rat l-affidavit prodotti.

Semghet ix-xhieda viva voce.

Rat in-noti tas-sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta’ din il-kawza Peter Busuttil qed jitlob minghand Public Broadcasting Services Limited hlas ghall-produzzjoni ta’ tmien programmi fis-sensiela “Jazz Box”, liema programmi gew imxandra mis-socjeta’ intimata. Public Broadcasting Services isostni li Peter Busuttil kien irrinunzja ghall-hlas li issa qed jitlob.

<u>Fatti</u>

Mill-provi jirrizulta illi Peter Busuttil gie mqabbad mill-Public Broadcasting biex jipproduci serje ta’ tmien programmi bl-isem ta’ “Jazz Box”. Is-serje intweriet f’Gunju u Lulju 1999. Meta ma kienx ghadu thallas taghhom, gie kkommissjonat jipproduci serje ohra bl-isem “Lajf”, li kienet tinkludi disa’ programmi li kellhom jintwerew bejn it-8 ta’ Lulju 1999 u 30 ta’ Settembru 1999. Din il-kummissjoni saret bhala “barter” u cioe’ tpartit u ghalhekk, fl-istess ftehim fejn Peter Busuttil gie mqabbad jaghmel il-programmi “Lajf”, huwa irrinunzja ghall-hlas tal-programmi “Jazz Box”. Il-kuntratt relattiv gie ffirmat fid-29 ta’ Lulju 2009 u cioe’ wara li kienu ga bdew jixxandru l-programmi “Lajf”. Dan il-programm “Lajf” twaqqaf mill-PBS wara biss hames programmi. Il-kumplament imbaghad gew imxandra fuq stazzjon iehor. Peter Busuttil ghalhekk qieghed isostni li, galadarba s-serje ma xxandritx kollha, id-dikjarazzjoni tieghu li biex irrinunzja ghall-hlas ta’ “Jazz Box” (esebita fol. 21), ma tghoddx. Il-Qorti tinnota li din ir-rinunzja hija essenzjalment l-unika eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta.

<u>Konsiderazzjonijiet</u>

Ir-relazzjoni bejn iz-zewg kommissjonijiet moghtija minn PBS lil Peter Busuttil hija ben pruvata.

L-attur innifsu jixhed hekk:

“*L-unika raguni illi l-PBS qed igibu ghalfejn fl-opinjoni taghhom jien m’ghandix nithallas tal-prodott li jiena*

*ghamilt – u cioe’ tat-tmien programmi fis-serje “Jazz Box” – huwa ghaliex jien suppost irrinunzjat ghad-dritt li nithallas. F’dan il-kuntest nixtieq nghid illi jiena kelli ‘gentleman’s agreement’ mal-PBS li skond dan l-agreement vera kont lest li nirrinunzja ghall-hlas dovut lili in konnessjoni mal-programmi fis-serje “Jazz Box” pero’ dana biss jekk kemm-il darba l-programmi kollha fis-serje ‘Lajf’ jigu trasmessi.*

*Il-programmi fis-serje ‘Lajf’ kienu programmi ohra li gejt ikkommissjonat mill-PBS sabiex nipprepara. Jien suppost kelli nipproduci disa’ programmi fis-serje ‘Lajf’ li kellhom jigu trazmessi bejn it-8 ta’ Lulju 1999 sad-29 ta’ Lulju 1999, u mit-2 ta’ Settembru 1999 sat-30 ta’ Settembru 1999.*

*Dan it-tip ta’ ftehim, li jissejjah ‘barter’ fl-industrija taghna, huwa komuni hafna fil-kamp televiziv. Bazikament, permezz tieghu, bniedem li jkollu jiehu somma flus mill-PBS, flok jinsisti li jithallas, sabiex jagevola lill-PBS minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja taghha (li hija haga pubblika), jinghata mill-PBS l-opportunita’ li jiehu ‘air time’ fuq l-istazzjon TVM minghajr ma jhallas ghalih.*

*Dan huwa proprju dak illi jiena ftehmt mal-PBS in konnessjoni mal-programmi fis-serje ‘Jazz Box’. Dan il-‘gentleman’s agreement’ kien verbali bejnietna izda eventwalment – u wara li bdew il-programmi ‘Lajf’ – il-PBS tawni l-kuntratt ta’ Lajf biex niffirmah u warajh – letteralment – ghaddewli minn taht nota li mbaghad giet annessa mal-ftehim Lajf li tghid biss u sempliciment li jien kont qed nirrinunzja ghal kwalsiasi hlas in konnessjoni mal-programm ‘Jazz Box’. Din in-nota giet imfassla b’tali mod li taghti l-impressjoni li r-rinunzja kienet ‘unconditional’.*”

Paul Josef Vassallo jixhed hekk:

“*Meta konna ghamilna dik il-laqgha, konna ddiskutejna ukoll il-fatt lis-Sur Peter Busuttil kellu jiehu xi flus minghand il-PBS ta’ programm iehor li kien jismu Jazz Box. U kien sar qbil li tal-Jazz Box ma jithallasx, u minflok*

*il-PBS jaghti lil Peter Busuttil il-facilita' li jaghmel il-programm life, pero' ghal dak il-programm Peter Busuttil ma jithallasx mill-PBS.*

*Kellhom isiru disa' programmi f'Lulju u f'Settembru. F'Awissu ma kellu jsir xejn.*

*Dakinhar tal-laqgha ma giex iffirmat ftehim. Pero' konna hrigna b'dan l-intendiment.*"

Albert Marshall, li kien jokkupa l-kariga ta' Chief Executive ta' PBS jixhed hekk:

"*L-intiza kienet li jekk is-Sur Peter Busuttil jinvolvi ruhu fi spejjez biex igib dawn il-cameras u l-accessorji, b'xi mod ahna nkunu rridu nikkompensawh ghal dawk l-ispejjez li hu jkun ghamel.*

*Jekk niftakar sew, il-kumpens inghata lis-Sur Busuttil fis-sens li nghata d-dritt li jaghmel programm b'xejn.*"

Andrew Psaila jixhed hekk:

"*Il-programm propost 'Lajf' kien marbut ma' programm iehor jismu 'Jazzbox' li kellu jixxandar matul dik is-sena f'Lulju ta' 1999, pero' mill-informazzjoni li kelli jien f'dak iz-zmien ta' Lulju 1999 kien illi l-programm kien ghadu ma giex delivered lil PBS. Jiena kont dhalt fil-kariga ta' Chief Executive tal-PBS fil-4 ta' Gunju 1999.*

*F'board meetings sussegwenti kont prezenti ghalihom jiena, c-chairman irraporta illi li kien sar ftehim ma' Peter Busuttil fis-sens illi kellhom isiru serji ta' programmi live matul is-sajf tal-1999 fl-istess hin Peter Busuttil kellu jipproduci l-programmi dwar l-festival tas-sena ta' qabel, kellu jiffinilazzahom biex jixxandru immedjatament qabel il-festival li kien ha jsir f'Lulju tal-1999. Il-programmi kienu gew delivered u gew trasmessi u l-programm 'Lajf' kien beda jixxandar fl-ewwel gimgha ta' Lulju. Zarb Adami kien irrapporta lill-bord ukoll illi kien intlahaq ftehim mas-sur Busuttil rigward hlas peress illi ma kienx hemm ftehim bil-miktub rigward programm 'Jazzbox' kellu jinghata*

*advertising fil-programm 'Lajf' biex ikopri l-ispejjez, kemm tal-programm 'Lajf' u anke tal-programm 'Jazzbox'.*"

Maurice Zarb Adami, Chairman ta' PBS jixhed hekk:

"*Nikkonferma illi meta sirt Chairman jiena kont gejt mgharraf illi kien hemm problema dwar xi programm iehor li kien jaghmel Peter Busuttil u li kien jirrigwarda il-Jazz concert tal-Belt. Ilment ta' Peter Busuttil illi ghalkemm huwa kien nefaq xi flus biex isir dan ir-recording, il-programm effettivament ma kienx jixxandar. Ftehmna mieghu illi jekk ma jinsistix illi jfittex lill-PBS, ahna konna se nikkoncedulu programm iehor. Kien kuntent b'dan l-arrangament.*"

Kien f'dan il-kuntest li gie ffirmat il-ftehim bejn il-partijiet li kopja tieghu hija esebita in atti a fol. 47, u li mieghu kienet saret ir-rinunzja msemmija. Issa para. 3.1 tal-istess ftehim jipprovdi illi:

"3.1. *PBS shall be responsible for the transmission of the said programmes on TVM (and on Channel 12 if it so decides), on Thursdays between 20.45hrs and 22.15hrs, the first four programmes commencing on the 8th July 1999 and ending on the 29th July 1999 and the next five programmes commencing 2nd September 1999 and ending on the 30th September 1999.*"

Paragrafu 7 imbaghad tipprovdi illi:

*7. Right to terminate*

*PBS reserves the right to terminate this agreement forthwith if the Producer acts in breach of this agreement, and the defaulting party shall not be entitled to any further remuneration.*"

Il-partijiet hawnhekk ma jaqblux. L-attur jinsisti illi l-intenzjoni wara r-rinunzja kienet li din kienet kundizzjonata ghall-produzzjoni tas-sensiela shiha PBS isostnu li d-dritt taghhom li jwaqqfuhom dejjem baqa' jghodd.

Issa, ghalkemm fejn il-ftehim huwa car, m'hemmx lok ghall-interpretazzjoni. L-Art. 1003 tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

"*1003. Meta s-sens tal-kelma ma jaqbilx ma' dak li kellhom fi hsiebhom il-partijiet kollha, kif ikun jidher car mill-partijiet mehudin kollha flimkien, ghandha tghodd l-intenzjoni tal-partijiet.*"

Mill-provi prodotti u c-cirkostanzi kollha tal-ftehim, il-Qorti tqis li l-intenzjoni tal-partijiet fil-mument tal-ftehim kienet dik ta' sensiela shiha ta' programmi (ara Dr. Joseph Vella Galea vs. Joseph Vella – deciza mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Lulju 1995) u l-gurisprudenza hemm kwotata.

Skond il-minuti tal-Board li, wara hafna sforzi, gew prezentati in atti, jirrizulta li fit-3 ta' Awissu 1999, meta allura kienu ga ntwerew erba' programmi, il-Board iddecieda hekk:

"*Il-Board qabel li Peter Busuttil ghandu jigi avzat li l-programm Lajf mhux ser jitkompla f'Settembru.*" (ara fol. 245)

Dan kien biss hamest ijiem wara l-iffirmar tal-ftehim u r-rinunzja relattiva. Fil-minuti tal-Board jirrizulta li din kienet l-ewwel okkazjoni li fiha ssemma l-programm Lajf. Ma hemm ebda prova mkien li qabel din id-data seta' kien hemm problemi li jwasslu ghall-qtugh tal-programm hekk hesrem.

Is-socjeta' konvenuta tilmenta mill-kwalita' tal-programm, kif ukoll dwar ksur ta' regoli tal-Awtorita' tax-Xandir. Andrew Psaila jixhed hekk:

"*Dawn tajnihom (sic) ahna kif ukoll il-broadcasting authorities stess. Gbidna l-intenzjoni ta' Peter Busuttil verbalment skond il-procedura normali biex jirregola ruhu. Dawn baqghu jigu repetuti b'referenza ghal-kuntratt li kien sar mas-sur Peter Busuttil il-PBS imbaghad hadet azzjoni fis-sens illi skond il-kundizzjonijiet tal-kuntratt jekk jkun hemm dawn it-tip ta' diffikulatjiet kienu jixxandru l-ewwel*

*erba' programmi u l-hamsa l-ohra le. Il-kumpanija iddecidiet illi twaqqaf l-ahhar hames programmi skond il-ftehim infurmajna b'dan lil Peter Busuttil kemm verbalmet kif ukoll bil-miktub.*"

Madanakollu jirrizulta illi tul l-erba' programmi li xxandru, l-uniku ilment li wassal ghand l-attur kien dak dwar senjalazzjoni ta' prezz ta' telefonati, liema senjalazzjoni giet korretta. Dan l-ilment kien twassal lilu fis-16 ta' Lulju 1999, meta kienu ga gew trasmessi zewg programmi (ara fol. 79). Dan ukoll kien gie notat mill-Bord f'laqgha tat-13 ta' Lulju 1999 (fol. 237)

Jissemmew ukoll ilmenti ohra mill-Awtorita' tax-Xandir. Madanakollu, l-ewwel ittra mill-istess Awtorita' lill-PBS hija datata 4 ta' Awissu 1999, ricevuta fl-ufficju tac-Chief Executive fis-6 ta' Awissu 1999 u l-ohra fl-20 ta' Awissu 1999.

Il-minuti tal-Bord sat-3 ta' Awissu 1999 ma juru ebda problema bil-programm "Lajf". F'kazijiet ohra fi programm iehor, il-Bord gieli nnota (ara fol. 224), pero' dwar dan il-programm ma ntqal xejn.

F'dan il-kuntest, il-Qorti ma tista' tasal ghal ebda konkluzjoni ohra hlief nuqqas ta' "bona fede" da parti ta' PBS li jirrizulta li ffirmat ftehim mal-attur meta fil-minuti tal-laqgha biss erbat ijiem wara gie nnutat xott xott li ser jitwaqqaf. Il-Qorti nnotat ukoll li kien hemm, f'dak iz-zmien ga ezistenti versu l-attur, certi problemi kbar da parti ta' xi membri tal-Bord.

Anthony Mallia, membru tal-Bord ta' PBS, f'laqgha tat-13 ta' April 1999 hu rrapurtat li qal hekk:

"*Is-Sur Mallia oggezzjona ghal Peter Busuttil u qal li qabel dan ma jirtira dak li kiteb u li qal, hu 'per principio' ma jikkunsidrax programmi tieghu.*"

Fl-imsemmija laqgha tat-3 ta' Awissu 1999 gie nnotat illi:

"*Dwar Tiramisu', Sylvana Cristina staqsiet hemmx Peter Busuttil fil-programm. Il-Bord qabel li jekk hemm Peter Busuttil il-programm m'ghandux isir.*"

F'diversi laqghat tal-Bord, issir referenza ghall-pendenzi finanzjarji li jinghad li kienu dovuti minn Peter Busuttil.

Fl-isfond ta' dan kollu, il-Qorti taghmel referenza ghall-Art. 993 tal-Kodici Civili li jipprovdi illi:

"*Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda ukoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita', bl-uzu jew bil-ligi.*"

Tirreferi ukoll ghas-sentenza tal-Qorti kif presjeduta fil-kawza Borg vs. Bonnett (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fl-10 ta' Marzu 2011) u l-gurisprudenza hemm citata.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, tilqa' l-ewwel talba tal-attur, tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' €15,001.16 ekwivalenti ghal Lm6440, bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fic-citazzjoni.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Public Broadcasting Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------